**QORTI CIVILI – PRIM'AWLA**

**ONOR. IMHALLEF DR. MIRIAM HAYMAN LL.D.**

**Rikors Nru.: 346/16MH**

**Illum 9 ta' Gunju, 2017**

**Josette Fenech (K.I. 508571M)**

**vs**

**Ir-Registratur tal-Qorti, l-Avukat Dr. Dorianne Vella, il-Prokuratur Legalu Nicolette Aquilina u Jesmond Fenech ghal kull interess illi jista' jkollu**

**Il-Qorti:**

Rat **ir-rikors tar-rikorrenti Josette Fenech** tat-28 ta' April 2016 fejn gie premess:

1. *ILLI, l-esponenti ntavolat il-proceduri gudizzjarji Rikors Guramentat Numru 165/15 RM fl-ismijiet Josette Fenech vs Jesmond Fenech, sabiex fost talbiet ohra, hija qieghda titlob lill-Onor. Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja), joghgobha tordna s-seperazzjoni personali tal-imsemmija partijiet u tillikwida l-kommunjoni tal-akkwisti tal-partijiet, liema*

*proceduri huma differiti ghat-28 ta' Gunju 2016. Kopja tar-Rikors Guramentat Numru 165/15 RM qiegheda tigi hawn annessa u mmarkata bhala* ***Dok A****;*

2. *ILLI, fil-mori, l-esponenti kellha tinkorri ghas-servizz tal-Ghajnuna Legali, u hija talbet illi tigi ammessa ghal beneficcju gratuitu nhar id-29 ta' Dicembru 2015. Permezz tad-digriet tal-Onor. Prim Awla tal-Qorti Civili datat it-30 ta' Dicembru 2015, l-Avukat Dr. Yana Micallef Stafrace u l-Prokuratur Legali Katrina Zammit Cuomo gew assenjati bhala l-Avukat u l-Prokuratur Legali taghha. Kopja tal-Inkartament tal-Ghajnuna Legali huwa hawn anness u mmarkat bhala* ***Dok B****;*

3. *ILLI, jirrizulta illi fis-6 ta' Jannar 2016 l-Avukat Dorianne Vella u l-PL Nicolette Aquilina presentaw nota,* ***f'isimhom stess, mingħajr il-kunsens tal-esponenti, u minghajr il-kunsens tal-kontro-parti****, fl-atti tal-kawza Rikors Guramentat Numru 165/15 RM fl-ismijiet Josette Fenech vs Jesmond Fenech fejn '(i)nformaw lil din l-Onorabbli Qorti li l-valur tal-assi tal-kawza fl-ismijiet fuq imsemmija huwa ta' €400,000 (erba' mitt elf euro) ghal finijiet ta' taxxa'. Kopja ta' din in-Nota qiegheda tigi hawn annessa u mmarkata bhala* ***Dok C****;*

4. *ILLI, sussegwentament fit-13 ta' Jannar 2016 giet mahduma mir-Registratur tal-Qorti taxxa ufficcjali tal-ispejjez u drittijiet ta' Dr. Dorianne Vella wara rinunzja tal-patrocinju u tal-Prokuratur Legali tar-Rikors Guramentat Numru 165/15 RM fl-ismijiet Josette Fenech vs Jesmond Fenech, fejn id-drittijiet u l-ispejjez tal-imsemmija rappresentanti legali jammontaw ghall-hamest elef, tlett mija u hamsa u disghin Ewro u tnax – il centenzmu (€5,395.12). Kopja ta' din it-taxxa hija hawn annessa u mmarkata bhala* ***Dok D****.*

5. *ILLI, l-esponenti giet interpellata permezz ta' ittra ufficcjali datata it-22 ta' Marzu 2016 nhar it-2 ta' April 2016 ghall-hlas ta' erbat elef sitt mija u tlieta u sittin Ewro u sitta u tletin centezmu (€4663.36) (konsistenti f'€3952 + VAT) favur Dr. Dorianne Vella u elf hames mija u erbgha u hamsin Ewro u sitta u erbghin centezmu (€1554.46) (konsistenti f'€1317.34 + VAT) favur il-PL Nicolette Aquilina. Din l-ittra ufficcjali hija hawn annessa u mmarkata bhala* **Dok E**.

6. *ILLI, l-esponenti permezz ta' dawn il-proceduri de quo qieghda tattakka it-taxxa mahduma mir-Registratur tal-Qorti fit-13 ta' Jannar 2016 bhala irregolari, u dan ai termini tal-Artikolu 64 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;*

7. *ILLI, is-sentenza Rikors Numru 349/2009 tal-Onor. Qorti Civili Prim Awla per Onor. Imhallef Dr. Joseph Zammit McKeon deciza fis-17 ta' Novembru 2011 fl-ismijiet Emanuel Beck kontra Avukat Dottor Etienne A. Calleja u Registratur tal-Qrati, esplortat jekk taxxa mahruga mir-Registratur tal-Qrati mahduma unikament abbazi ta' Nota konguntiva tal-Avukati taz-zewg Partijiet biss, wara illi Avukat irrinunzja ghall-patrocinju, hijiex regolari. Jigi sottolinjat, illi fil-kaz de quo, in-Nota in kwistjoni mhijiex konġuntiva, u ghalhekk,* ***ma hemmx ukoll il-kunsens tal-kontro-parti****;*

8. *ILLI fl-imsemmija sentenza 349/2009 JZM l-Onor. Qorti ddikjarat illi: Fil-mument illi l-konvenut Calleja iffirma u pprezenta n-nota konguntiva r-rapport fiducjarju tieghu mal-attur kien diga' ntemm. Ghalhekk l-Av. Calleja* ***ma kellu l-ebda jedd jiffirma u jippresenta dik in-nota konguntiva minghajr il-kunsens tal-attur u ad insaputa tieghu****.*

*Din il-Qorti ghalhekk tghid li ladarba r-rapport fiducjarju bejn il-konvenut Calleja u l-attur kien intemm, u ladarba l-konvenut Calleja ma kellu l-ebda mandat minghand l-attur sabiex jiffirma u jippresenta n-nota konguntiva, dik l-istess nota li abbazi taghha harget it-taxxa, li qieghda tigi impunjata,* ***ghandha titqies bhala nulla u bla effet ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi. Konsegwentement hemm lok ghall-impunjazzjoni ta' dik it-taxxa****.*

9. *Illi ċ-ċirkostanzi tal-kaz odjern huma kwazi identici ghal dawk ta' din l-imsemmija sentenza; bl-unika' differenza hija illi fil-kaz odjern ma hemmx ukoll il-kunsens tal-kontro-parti. Fil-kaz odjern, stante illi il-valur tal-kawza kien ghadu mhux determinat, inhadmet taxxa ufficcjali mir-Registratur tal-Qorti a bazi ta' Nota tal-Avukat u tal-Prokuratur Legali, liema Nota la kellha l-awtorizzazzjoni tal-esponenti, u lanqas konsultazzjoni mal-kontro-parti.*

10. *ILLI, ghalhekk, il-metodu ta' intaxxar uzat mir-Registratur fit-taxxa de quo huwa totalment erronju u irregolari stante illi it-taxxa de quo tistrieh* ***unikament*** *fuq in-Nota (**Dok C**) tal-Av. Dorianne Vella u l-PL Nicolette Aquilina f'isimhom stess, liema Nota inharget* ***minghajr il-kunsens tal-esponenti, minghajr għarfien tal-istess esponenti u minghajr il-kunsens tal-kontro-parti****. Il-Qrati taghna irritenew illi dan il-metodu ta' ntaxxar f'ċirkostanzi fejn il-valur tal-kawza mhux determinat huwa irregolari u jwassal ghall-impunjazzjoni tat-taxxa.*

*Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet hawn fuq esposti, l-esponenti ai termini tal-Artikolu 64 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, titlob bir-rispett illi din l-Onor. Qorti joghgobha:*

1. *Thassar u tirrevoka t-taxxa tad-drittijiet ghas-somma ta' hamest elef, tlett mija u hamsa u disghin Ewro u tnax – il centenzmu (€5,395.12) ghall-prestazzjonijiet professjonali fil-proceduri Rikors Guramentat Numru 165/15 RM fl-ismijiet Josette Fenech vs Jesmond Fenech mahduma fit-13 ta' Jannar 2016;*

*U dan taht dawk il-kondizzjonijiet kollha li din l-Onor. Qorti jidrilha li jkunu opportuni u xierqa.*
*Bl-ispejjez.*

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti annessi mar-rikors promotur.

Rat **ir-risposta tar-Registratur Qrati Civili u Tribunali** tal-15 ta' Lulju 2016[1] li permezz taghha ressaq is-segwenti eccezzjonijiet:

1. *Illi l-esponenti jirrileva illi huwa kien minn dejjem lest li jirranga t-taxxa in kwistjoni u fil-fatt kien gja minn qabel il-bidu ta' dawn il-proceduri kkomunika mal-intimati pero dawn opponew stante li t-taxxa kienet harget u ghaldaqstant tennew li ma setghetx tinbidel.*

*2. Illi r-registratur kellu kull dritt li jibdel it-taxxa stante li din kienet ghadha ma gietx reza ezekuttiva (ara sentenza Laferla et vs Scicluna et, Qorti tal-Appell, 29/5/1998) pero l-esponent ried li jkun hemm consensus.*

[1] Fol 24 et seq

*3. Illi l-esponent huwa konsapevoli tas-sentenza indikata mir-rikorrenti u cioe' l-kawza 349/09JZM, u fil-fatt dik hija l-prassi li juza r-registratur sabiex jintaxxa kawza meta l-valur tal-kawza ma jkunx determinabbli mit-talbiet u ma jigix illikwidat, pero tali sentenza kienet appellata u kien biss ricentement li l-appell gie dikjarat dezert u b'hekk giet konfermata l-istess sentenza.*

*4. Finalment l-esponenti jirrileva illi wara li saret l-Ittra Ufficjali mill-intimati l-ohra biex trendi t-taxxa ezekuttiva, l-esponent ma setax jaghmel mod iehor hlief li jhalli t-taxxa kif inhi.*

*5. Ghaldaqstant l-esponent filwaqt li jirrileva illi huwa joqghod ghal dak li jidhrilha xieraq din l-Onorabbli Qorti rigward it-tassazzjoni per se, izda huwa jissottometti f'kull kaz li in vista tac-cirkostanzi m'ghandux ibaghti l-ispejjez ta' din il-procedura jew de minimis tigi spejjez bla taxxa u dan anke ghaliex kieku l-partijiet qaghdu fuq il-parir tieghu kienu jevitaw din il-procedura.*
*6. B'riżerva għall-eċċezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjez."*

Rat **ir-risposta guramentata tal-Avukat Dr Dorianne Vella u l-Prokuratur Legali Nicolette Aquilina** tal-20 ta' Lulju 2016[2] li permezz taghha ressqu s-segwenti eccezzjonijiet:

XXXXXX

Rat il-lista tax-xhieda annessa mar-risposta guramentata.

[2] Fol 24 et seq

Rat in-**Nota tal-intimat Jesmond Fenech tat-23 t'Awissu 2016**[3] li permezz taghha ddikjara li huwa kien qed jaderixxi ruhu ma' dak mitlub mir-rikorrenti Josette Fenech fir-rikors promotur prezentat minnha.

**Rat illi l-kawza thalliet ghall-lum ghas-sentenza dwar l-ewwel eccezzjoni preliminari sollevata mill-intimati l-Avukat Dr Dorianne Vella u l-Prokuratur Legali Nicolette Aquilina.**

Rat il-provi kollha tal-partijiet dwar din l-eccezzjoni.

Rat it-traskrizzjoni tat-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet fir-rigward ta' din l-istess eccezzjoni.

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza.

**Ikkunsidrat:**

Il-kaz tal-lum jitratta talba sabiex din il-Qorti thassar u tirrevoka t-taxxa tad-drittijiet mahruga mir-Registratur tal-Qorti fit-13 ta' Jannar 2016 ghas-somma ta' €5,395.12. It-taxxa ntalbet minhabba rinunzja tal-patrocinju tal-intimati Dr Dorianne Vella u l-PL Nicolette Aquilina fir-rigward tar-rikorrenti odjerna fil-proceduri Rik Gur Nru 165/15 RM fl-ismijiet *Josette Fenech vs Jesmond Fenech.* Skont ir-rikorrenti, din it-taxxa nhadmet wara li dawn iz-zewg intimati pprezentaw Nota f'isimhom fl-atti tal-proceduri msemmija fejn indikaw il-valur tal-assi tal-kawza minghajr il-kunsens tal-partijiet.

Minn naha tieghu ir-Registratur intimat jghid li huwa minn dejjem kien lest li jirranga tali taxxa izda l-intimati avukat u prokuratur legali opponew.

[3] Fol 33

Ghalkemm huwa kellu dritt li jibdel it-taxxa stante li din kienet ghadha ma gietx reza ezekuttiva huwa ried li jkun hemm qbil bejn il-partijiet kollha. Eventwalment, wara li saret ittra ufficjali mill-intimati msemmija biex trendi t-taxxa ezekuttiva, huwa ma setax ibiddel it-taxxa.

L-intimati Dr. Dorianne Vella u l-Prokuratur Legali Nicolette Aquilina jilqghu ghal din l-azzjoni b'eccezzjoni ta' natura preliminari kif ukoll fil-mertu. Preliminarjament huma jghidu li t-talba tar-rikorrenti ghar-ritassa hija perenta bit-terminu ta' xahar skont il-ligi. Fil-mertu mbaghad huma jishqu li t-taxxa hija gusta u ghalhekk timmerita konferma.

**Ikkunsidrat:**

1. Mill-atti jirrizulta li:

i. **Fil-21 ta' Lulju 2015** ir-rikorrenti Josette Fenech intavolat proceduri ghal separazzjoni personali fl-ismijiet *Josette Fenech vs Jesmond Fenech* (Rik Gur Nru 165/15) fil-Qorti tal-Familja[4];

ii. F'dawn il-proceduri kienet originarjament patrocinata mill-Avv. Dorianne Vella u l-PL Nicolette Aquilina;

iii. **Fid-29 ta' Dicembru 2015** r-rikorrenti odjerna talbet lill-Qorti sabiex tkun ammessa ghal beneficcju gratuwitu halli tkun tista' tipprocedi fil-kawza ta' separazzjoni msemmija[5], liema talba giet milqugha permezz ta' digriet datat 30 ta' Dicembru 2015. Mill-elenku li lilhom kien imiss it-turn, gew assenjati bhala

[4] Fol 1 et seq tal-inkartament tal-proceduri ta' separazzjoni
[5] Fol 14

difensuri taghha l-avukat Dr. Yana Micallef Stafrace u l-Prokuratur Legali Katrina Zammit Cuomo[6];

iv. **Fis-6 ta' Jannar 2016**, fl-atti tal-proceduri ta' separazzjoni giet prezentata Nota[7] li tghid hekk –

***"Nota tal-Avukat Dorianne Vella u PL Nicolette Aquilina***

***Li biha qed jinfurmaw lil din l-Onorabbli Qorti li l-valur tal-assi tal-kawza fl-ismijiet fuq imsemmija huwa ta' €400,000 (erba' mitt elf Ewro) ghal finijiet ta' taxxa***.*";*

iv. **Fit-13 ta' Jannar 2016** inhadmet taxxa ufficjali tad-drittijiet u spejjez gudizzjarji mahruga fuq talba ta' Dr. Dorianne Vella fil-kawza msemmija Rik Gur Nru 165/15 u dan specifikament tar-rinunzja tal-patrocinju skont Skeda A, Tariffa E para 33 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta. L-ammont tat-taxxa tela' ghas-somma ta' €5, 395.12;

v. **Fil-5 ta' Frar 2016** l-avukat Dorianne Vella u l-Prokuratur Legali Nicolette Aquilina baghtu ittra bil-posta registrata lir-rikorrenti Josette Fenech permezz ta' liema huma ghamlu referenza ghat-taxxa tat-13 ta' Jannar hemm annessa u talbu lil Fenech sabiex thallashom is-somma ndikata fl-istess taxxa bil-VAT in kwantu ghal €4663.36 lill-avukat Vella u €1554.46 lill-prokuratur legali Aquilina[8];

vi. Ir-rikorrenti rceviet din l-ittra **fid-9 ta' Frar 2016**[9];

---

[6] Fol 13
[7] Fol 120
[8] Fol 69
[9] Fol 71

vii. Permezz ta' Nota fl-atti tal-proceduri ta' separazzjoni, **fit-8 ta' Marzu 2016** l-istess avukat u prokuratur legali nfurmaw lill-Qorti li sa dakinhar huma kienu ghadhom ma thallsux skont it-taxxa mahruga mir-Registratur[10];

viii. **Fit-22 ta' Marzu 2016** l-avukat u l-prokuratur legali msemmija prezentaw ittra ufficjali kontra r-rikorrenti permezz ta' liema nterpellawha biex thallashom is-somma totali ta' €4663.36 skont it-taxxa tal-Qorti tat-13 ta' Jannar. Huma nfurmawha wkoll li permezz tal-istess ittra ufficjali dik l-istess taxxa kienet qed tigi reza titolu ezekuttiv ghal finijiet u effetti kollha tal-ligi. Din l-ittra ufficjali giet notifikata lil Josette Fenech **fl-1 t'April 2016**[11];

ix. **Fil-21 t'April 2016** huma talbu l-hrug ta' Mandat ta' Sekwestru Ezekuttiv kontra r-rikorrenti ghas-somma totali ta' €6217.82, liema rikors gie akkordat **fit-22 ta' April 2016**[12]**;**

x. **Fit-28 t'April 2016** ir-rikorrenti Josette Fenech intavolat il-proceduri odjerni quddiem din il-Qorti sabiex tattakka t-taxxa mahruga mir-Registratur fit-13 ta' Jannar;

xi. **Fl-4 ta' Mejju 2016**, l-avukat Vella u l-Prokuratur Legali Aquilina intavolaw rikors ghal hrug ta' Mandat ta' Qbid Ezekuttiv kontra l-attrici Fenech ghall-istess somma, liema rikors gie akkordat **fid-19 ta' Mejju 2016**[13];

x. **Fl-20 ta' Mejju 2016**, l-intimat Jesmond Fenech hallas is-somma intiera ta' €6217.82 fl-atti tal-Mandat ta' Qbid u dan **taht protest**[14];

---

[10] Fol 121
[11] Fol 76
[12] Fol 41
[13] Fol 40
[14] Fol 43

xi. Ir-rikorrenti Fenech ntavolat rikorsi fl-atti tal-Mandati msemmija u talbet il-hrug tal-kontro-mandati relattivi stante pagament[15].

2. Xehdet **ir-rikorrenti Josette Fenech** u tat il-verzjoni taghha bil-mezz tal-affidavit[16]. Hija qalet li minhabba diffikultajiet fil-hajja matrimonjali kienet iddecidiet li tibda proceduri ta' separazzjoni minn ma' zewgha l-intimat Jesmond Fenech. Ghal dan il-ghan hija nkarigat lill-avukat intimata Dr Dorianne Vella. Hija kienet thallas lil din l-avukat kemm kienet titlobha. Eventwalment, il-qaghda finanzjarja taghha giet tali li ma' setghetx tibqa' thallas lill-avukat Vella ghas-servizzi taghha u ddecidiet li tirrikorri ghal avukat tal-ghajnuna legali. Lejn l-ahhar tas-sena 2015 hija kienet talbet li tinghata tali ghajnuna legali sabiex tkun tista' tkompli l-kawza ta' separazzjoni. Hija kienet talbet *release letter* u l-*file* lil Dr Vella izda dawn baqghet minghajrhom.

Sadanittant giet assenjata l-avukat Yana Micallef Stafrace biex tassistiha. Wara l-festi tal-Milied hija rceviet kont mill-Qorti. Avukat li hadet parir minghandu qalilha li dak il-kont ma nharigx mill-Qorti ghax ma kienx iffirmat u lanqas ma kien hemm indikazzjoni min baghtu. Wara dak l-appuntament hija kkomunikat mal-avukat Dorianne Vella biex tikkonferma jekk il-kont kienx mibghut minnha. L-avukat wegbitha fl-affermattiv u qaltilha li dak il-kont kien l-ispejjez tal-Qorti u Fenech kellha thallsu. Qaltilha wkoll li jekk ma thallsux kienet ser tehel piena ta' habs u jissekwestrawlha l-proprjeta'. Ghal din l-ahbar ir-rikorrenti hassitha xxukjata u oggezzjonat ghal din it-talba ghal hlas ghax hi dejjem hallset lill-avukat Vella kemm talbitha. Kienet thallas ukoll l-ispejjez tal-Qorti billi tghaddi l-flus dirett lill-prokuratur legali Aquilina fir-registru tal-Qorti.

---

[15] Fol 45 u 46
[16] Fol 37 et seq

Fi Frar 2016 hija rceviet ittra minghand l-avukat Vella, flimkien mal-kont tal-Qorti fejn talbitha thallas €4663.36 ghaliha u €1554.46 ghall-prokuratur legali. Wara regghet irceviet korrispondenza minghand l-avukat Vella fejn din id-darba kien hemm Nota ffirmata minnha u mill-prokuratur legali Aquilina li tindika li r-rikorrenti u zewgha kellhom assi li jiswew €400,000. Hija nsistiet li l-avukat u l-prokuratur legali la staqsewha dwar il-valur u lanqas infurmawha dwar dan kollu. Hija lanqas ma giet mitluba tindikalhom x'inhi l-valutazzjoni taghha tal-assi li hija u zewgha kellhom. Lanqas zewgha u l-avukat tieghu ma' kienu jafu dwar din il-figura u n-Nota. F'dak il-perjodu l-kawza ta' separazzjoni ma kinitx ghadha waslet fl-istadju tal-provi dwar l-assi tal-komunjoni tal-akkwisti u lanqas kien hemm xi stima ta' perit u allura r-rikorrenti ma tistax tifhem minn fejn gabu din il-figura.

Imbaghad fil-bidu t'April 2016 hija rceviet ittra ufficjali minghand l-avukat Vella u l-prokuratur legali Aquilina ghall-hlas u l-kont tal-Qorti. Eventwalment lejn il-bidu ta' Gunju ta' dik l-istess sena s-sitwazzjoni ma' zewgha kienet tjiebet u kienu rrikonciljaw. Hija rritornat fid-dar matrimonjali taghha fil-Bahrija.

F'Gunju 2016 ir-rikorrenti u zewgha spiccaw rinfaccjati b'mandat ta' sekwestru u iehor ta' qbid fuq il-vetturi taghhom, fosthom fuq it-trakk tax-xoghol. Hi u zewgha ma kellhomx ghazla hlief li jhallsu s-somma ta' €6,217.70 minflok ma jigi maqbud il-vann tax-xoghol.

Xehdet **l-intimata Dr Dorianne Vella** li tat il-verzjoni taghha permezz ta' affidavit[17]. Hija kkonfermat li kienet tippatrocina lil Josette Fenech kemm waqt il-process ta' medjazzjoni kif ukoll ghal xi zmien fil-proceduri ta' separazzjoni li gew intavolati quddiem il-Qorti. Fil-kors ta' dawk il-proceduri ir-rikorrenti

[17] Fol 67 et seq

Fenech infurmatha li kienet applikat sabiex tibbenefika mis-servizz tal-ghajnuna legali. Hi spjegat lill-klijenta li kien hemm drittijiet legali dovuti lilha bhala avukat u lill-prokuratur legali u li l-istess klijenta kellha taghmel tajjeb ghalihom. Spjegatilha wkoll li dawn id-drittijiet jinhadmu skont it-tariffa tal-Qorti u li f'dan ir-rigward tinhareg taxxa ghar-rinunzja tal-patrocinju. Kien hemm ftehim u ntendiment bejniethom illi gjaladarba din it-taxxa tinhadem u tkun disponibbli, l-avukat kienet ser tikkonsenjahilha sabiex hi twettaq il-hlas u jigu saldati l-pendenzi dovuti maghha u mal-prokuratur legali.

Meta t-taxxa nhadmet, din ingabret u peress li l-avukat kienet ftehmet mar-rikorrenti li ser tibghathielha malli tinhadem, hija hekk ghamlet u bghatitha bil-posta regolari. L-intimata Dr Vella taf zgur li r-rikorrenti rceviet din l-ittra ghax hija avvicinatha u lmentat maghha li ma kinitx disposta thallas l-ammont indikat fl-istess taxxa.

L-avukat Vella qalet ukoll li minn informazzjoni li ghandha, minn meta nhadmet din it-taxxa, ir-rikorrenti kienet taghmel kuntatt frekwenti mal-Qorti biex tindaga dwarha.

Wara li r-rikorrenti ndikat li hija ma kinitx disposta thallas l-ammont rizultanti mit-taxxa, hija u l-PL Aquilina ddecidew li jergghu jibghatu kopja tat-taxxa, flimkien ma' ittra nterpellatorja, lill-istess rikorrenti. Din l-ittra ntbaghtet bil-posta registrata fil-5 ta' Frar 2016 u r-rikorrenti rcevietha erbat ijiem wara. Minkejja din l-interpellazzjoni, ir-rikorrenti baqghet m'ghamlitx il-hlas dovut u wara ftit taz-zmien hija u l-PL Aquilina ddecidew li jibghatu ittra ufficjali sabiex it-taxxa tal-ispejjez rinunzja patrocinju tigi reza ezekuttiva. Din l-ittra ufficjali giet prezentata fit-22 ta' Marzu 2016 u giet konsenjata fl-1 t'April 2016.

Dr Vella qalet li din l-ittra ufficjali ma' ntbaghtitx ghal skopijiet ta' notifikazzjoni tat-taxxa lir-rikorrenti - li kienet ilha nfurmata dwar din it-taxxa ghal madwar xahrejn – izda sabiex tali taxxa tigi reza ezekuttiva u b'hekk ikunu jistghu jipprocedu bil-hrug tal-mandati ezekuttivi kontra l-istess rikorrenti li sa dak l-istadju kienet iddikjarat kjarament li ma kinitx disposta thallas is-somma ndikata fit-taxxa. Wara li din l-ittra ufficjali giet notifikata, inhargu l-mandati ezekuttivi kontra r-rikorrenti u l-hlas gie effetwat.

Sussegwentement ir-rikorrenti intavolat il-proceduri odjerni, madwar tlett xhur wara l-hrug tat-taxxa mpunjata, liema taxxa r-rikorrenti kienet ben edotta dwarha mill-bidu nett fl-istess zmien li din inhadmet u giet rilaxxjata.

Xehdet **l-intimata prokuratur legali Nicolette Aquilina** li tat il-verzjoni taghha permezz ta' affidavit[18]. Hija saret taf lir-rikorrenti tramite l-avukat Vella peress li kienet klijenta taghha. Iltaqghet maghha inizjalment meta giet prezentata l-kawza ta' separazzjoni ghax kienet halfet l-atti bil-gurament u kienet hi li pprezentat il-kawza taghha. Xi zmien wara, l-avukat Vella nfurmatha li Fenech kienet ser tirrikorri ghall-assistenza tal-ghajnuna legali u li ghalhekk kien opportun illi tinhadem it-taxxa tal-kawza relatata mal-bdil fil-patrocinju sabiex hi u l-avukat jithallsu tas-servizzi taghhom. Il-PL Aquilina nfurmat lill-avukat li sabiex tinhadem din it-taxxa kien mehtieg illi jigi ndikat il-valur li a bazi tieghu din setghet tinhadem, u ghalhekk huma ppreparaw nota li giet prezentata fis-6 ta' Jannar 2016. Sussegwentement inhadmet it-taxxa relattiva, li giet rilaxxjata fit-13 ta' Jannar 2016. Hekk kif inharget it-taxxa, Josette Fenech kienet ripetutament qed taghmel kuntatt mal-Qorti.

Eventwalment l-avukat Vella nfurmatha li Fenech kienet avzatha li ma kinitx behsiebha thallas l-ammont rizultanti mit-taxxa. Ghalhekk l-avukat Vella

[18] Fol 72

qaltilha li kienet ser tibghat ittra registrata b'kopja tal-istess taxxa. Minn informazzjoni li tatha l-istess Dr. Vella, din l-ittra ntbaghtet u Fenech ircevitha. Nonostante dan, il-hlas baqa' ma sarx u sabiex jikkawtelaw l-interessi taghhom huma ddecidew li jipprezentaw ittra ufficjali sabiex it-taxxa tigi reza ezekuttiva. In segwitu ghan-notifika, inhargu l-mandati ezekuttivi kontra Josette Fenech. Kien biss wara li twettaq dan il-process kollu u gie saldat il-kont maghhom it-tnejn li Fenech hadet azzjoni biex tikkontesta t-taxxa in kwistjoni u dan diversi xhur wara li t-taxxa giet rilaxxjata minkejja li kienet ilha li hadet konjizzjoni taghha sa mit-13 ta' Jannar 2016.

**Ikkunsidrat:**

**L-ewwel eccezzjoni preliminari** mertu ta' din is-sentenza tghid hekk:
*"Illi fl-ewwel lok u in linea preliminari, it-talba tar-rikorrenti hija perenta bit-terminu ta' xahar kif stipulat fl-artikolu 64 (1) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, u dan in kwantu tali taxxa ufficjali giet rilaxxjata mir-Registratur tal-Qorti fit-13 ta' Jannar 2016, filwaqt li r-rikors odjern gie ntavolat fit-28 t'April 2016. Illi tali eccezzjoni qed tigi sollevata in kwantu tali taxxa tal-ispejjez tal-kawza giet mahduma in bazi ta' talba tar-rikorrenti Josette Fenech, ghaliex din talbet li tigi ammessa ghal beneficcju gratuwitu ta' assistenza legali, u konsegwentement sabiex dan isir, kellha tinhall mill-obbligi taghha minn mal-konsulent legali li sa dak iz-zmien kienet qed tippatrocinaha, u cioe' l-eccipjenti Dr. Dorianne Vella. Illi jsegwi ghalhekk illi tali taxxa tal-ispejjez tal-kawza saret u nhadmet in segwitu ghal talba tal-istess rikorrenti, u konsegwentement it-terminu perentorju ta' xahar huwa applikabbli fil-konfront tar-rikorrenti minn meta tali taxxa nhadmet u giet rilaxxjata mir-Registratur tal-Qorti.*

*Illi ghalkemm huwa minnu illi tali taxxa giet notifikata ufficjalment lir-rikorrenti permezz ta' ittra ufficjali datata 22 ta' Marzu 2016, u li giet*

*debitament ikkonsenjata lir-rikorrenti fl-1 t'April 2016, madankollu, tali ittra giet intavolata sabiex it-taxxa tal-ispejjez tal-kawza tigi reza ezekuttiva. Illi ghandu jirrizulta ampjament a sodisfazzjon ta' din l-Onorabbli Qorti illi r-rikorrenti hadet konjizzjoni ta' din it-taxxa tal-ispejjez tal-kawza, bin-numru ta' referenza 165/2015RM, fl-istess zmien li giet rilaxxjata, u dan kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza. Illi jsegwi ghalhekk illi t-terminu kontemplat fl-artiklu 64 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta beda jiddekorri mit-13 ta' Jannar 2016, u konsegwentement, it-talba tar-rikorrenti hija perenta bit-terminu ta' xahar."*

L-artikolu 64 (1) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi hekk -

*64. (1) L-ispejjeż ġudizzjarji jiġu ntaxxati u likwidati mir-reġistratur, u t-taxxi magħmulin minnu ma jistgħux jiġu attakkati wara li jagħlaq xahar. Dik l-azzjoni għandha tinbeda b'rikors li għandu jiġi trattat sommarjament mill-qorti. Dan iż-żmien, għal dawk li jitolbu t-taxxa tal-ispejjeż, jibda jgħodd mill-ġurnata li fiha tkun ħarġet it-taxxa, u, għad-debitur li jkun regolarment innotifikat bit-taxxa b'att ġudizjarju, mill-ġurnata ta' dik in-notifika."*

Minn dan l-artikolu titnissel il-kompetenza tar-Registratur tal-Qorti li jintaxxa d-drittijiet u l-ispejjes tal-partijiet fil-kawza u li johrog it-taxxa relattiva. It-terminu stabbilit ghal talba ghal ritassa huwa ta' xahar li jiddekorri b'zewg modi:

a. minn dakinhar li tinhareg it-taxxa fil-konfront tal-persuna stess li tkun talbet it-taxxa;

u

b. minn dakinhar tan-notifika tat-taxxa b'att gudizzjarju fil-konfront tad-debitur li minn ghandu jkun qed jintalab ihallas.

Huwa dritt tal-parti nteressata li timpunja dik it-taxxa fi zmien utli. Kemm il-darba dak iz-zmien jghaddi minghajr ma jittiehdu l-proceduri imsemmija fl-artikolu citat, dik it-taxxa ma tkunx tista tigi aktar kontestata u ssir titolu ezekuttiv a tenur tal-artikolu 253 (c) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fil-kaz fl-ismijiet **Avukat Dr Tonio Azzopardi vs Direttur tal-Qrati Civili u Tribunali et deciz fis-17 ta' Mejju 2013**[19] inghad hekk -

*F'sentenza tal-Prim Awla, datata 26 ta' Ottubru, 2010, Citazzjoni Numru. 450/2008, fil-kawża bl-ismijiet "**Joseph Bonello et vs Ir-Registratur tal-Qorti et**" saret referenza ghall-kawza fl-ismijiet "**Speranza Gatt et vs Dr. Albert Libreri et**" deciza fit-18 ta' Frar, 2010 fejn intqal:- "... Illi għal dak li jirrigwarda l-aspetti ta' dritt marbutin mal-każ, jibda biex jingħad li l-ħsieb wara dispożizzjonijiet ta' l- artikolu 64 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta huwa dak li jirregola waħda mill-funzjonijiet ewlenin tal-uffiċjali eżekuttivi tal-Qorti u li jħares il-jeddijiet ta' min jintlaqat ħażin b'dawk il-funzjonijiet. Fil-każ maħsub fl-artikolu 64, il-liġi tqis il-funzjoni tal-ħruġ ta' taxxi ta' spejjeż u drittijiet ġudizzjarji li, f'għajnejn il-liġi, jikkostitwixxu titolu eżekuttiv. Minħabba li l-ħruġ ta' dawk it-taxxi jikkonsisti f'għamil amministrattiv li, minbarra li jimxi fuq atti tal-Qorti, jimplika fih ukoll ċertu ġudizzju jew diskrezzjoni tar-reġistratur, huwa xieraq li jingħata r-rimedju lil min iħoss li dak il-ġudizzju jew diskrezzjoni ma jkunux saru kif imiss."*

*Hu f'dan id-dawl li jrid jitqies ukoll li r-raġuni biex wieħed jattakka l-ħruġ ta' taxxa trid tkun waħda serja u mhux mibnija biss fuq nuqqas ta' qbil tal-persuna milquta. Hu għalhekk ukoll li l-liġi tagħti żmien perentorju ta' xahar li fih taxxa tkun tista' tigi attakkata. Kif jiġri fil-każ ta' sentenzi tal-qrati jew titoli eżekuttivi oħra, hu meħtieġ li tinħoloq iċ-ċertezza u li tali ċertezza ma tkunx*

[19] Rik Nru 198/10

*tiddependi mill-kapriċċ fieragħ tal-parti milquta jew minn tul indeterminat ta' żmien li jaf ikun ta' ħsara akbar, l-aktar meta wieħed ikun irid jeżegwixxi titolu bħal dak."*

Inghad ukoll fil-kawza fl-ismijiet **Accent Clear Traders Company Limited vs *Registratur tal-Qrati u Cole Foods***[20]*;*

*"Stabbilit li l-uniku procedura prevista mill-Kodici ghall-kontestazzjoni ta' taxxa mahruga mir-Registratur tal-Qorti hija dik ta' ritassa prevvista bl-artikolu 64 tal-Kap.12, jibqa' ghalhekk l-ezami tad-dekors tal-perjodu ta' preskrizzjoni gudizzjarja ta' xahar li johrog minn dak l-artikolu.*

*Kif gie ritenut minn din il-Qorti kif diversament presjeduta,*

*"Wara jkun fid-drittijiet tal-parti interessata li tattakka din it-tassazzjoni fi zmien utili u kemm-il darba dak iz-zmien jghaddi minghajr ma jittiehdu l-proceduri msemmija fl-artikolu citat (art.64) dik it-taxxa ma tkunx tista' tigi aktar ikkontestata u ssir titolu ezekuttiv skont ma jipprovdi l-artikolu 253 sub-inciz (c) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta". (**Mid Med Bank Plc -v- Ellul Holdings Limited noe et.** PA)*[21].

*Hekk ukoll intqal li "Come si stabilisce dall'art. 80, Cod. Proc.Civ. (illum art. 64 tal-Kodici) le tasse fatte dal Registratore non possono essere impugnate spirato un mese dal giorno in cui fossero, anche per lettera ufficiale, notificate."*[22]

*[……..]*

[20] Deciza 26.03.2013 Rikors Guramentat 289/2005.
[21] Kollezz LXXXVI.iii.315
[22] Cremona"Gurisprudenza sul Procedura Civile". Vol. I p.143

*Jigi osservat li l-artikolu 64 (1) jispecifika d-dies a quo minn meta jibda jiddekorri t-terminu biss fil-kaz ta' min jitlob it-taxxa u cjoe "mill-ġurnata li fiha tkun ħarġet ittaxxa" u," għad-debitur mill-ġurnata ta' notifika ta' att gudizzjarju."*

Fid-dawl tas-suespost, u sabiex jigi determinat il-qofol tal-kwistjoni tal-lum, u cioe' minn meta kellu jibda jiddekorri x-xahar biex it-taxxa *de quo* tigi attakkata, jehtieg jigi stabbilit l-istatus tar-rikorrenti fil-vicenda, u cioe' jekk hija ghandhiex titqies bhala l-persuna li talbet it-taxxa jew inkella bhala l-persuna li hija d-debitur.

L-intimati avukat Vella u PL Aquilina jargumentaw li t-taxxa tal-ispejjez tal-kawza saret u nhadmet in segwitu ghal talba tal-istess rikorrenti, u huwa ghalhekk li fil-fehma taghhom it-terminu perentorju ta' xahar huwa applikabbli fil-konfront tar-rikorrenti minn meta tali taxxa nhadmet u giet rilaxxjata mir-Registratur tal-Qorti fit-13 ta' Jannar 2016. Jekk dan ikun il-kaz, l-azzjoni tar-rikorrenti tkun perenta.

Minn naha l-ohra r-rikorrenti u l-intimati l-ohra jissottomettu li r-rikorrenti ghandha tigi meqjusa bhala debitur u ghalhekk it-terminu fil-konfront taghha ghandu jibda ghaddej mill-mument li hija giet notifikata bl-ittra ufficjali, f'liema kaz il-kawza titqies li saret entro t-terminu stipulat mill-ligi.

**Ikkunsidrat:**

Huwa pacifiku li t-talba ghat-taxxa *de quo* ntalbet ghaliex kien ser ikun hemm tibdil fil-patrocinju tar-rikorrenti fil-proceduri ta' separazzjoni personali.

Izda nonostante li l-bazi tat-tezi tal-intimati avukat Vella u PL Aquilina hija li t-taxxa ntalbet f'isem ir-rikorrenti Josette Fenech, il-provi juru proprju mod iehor.

Il-Qorti temmen lill-avukat Vella meta qalet li hija kienet spjegat lir-rikorrenti l-procedura legali applikabbli f'kaz ta' rinunzja ta' patrocinju fis-sens li trid tinhadem taxxa a bazi tat-tariffa tal-Qorti li mbaghad ghandha tithallas mill-parti li tibdel l-avukat. Madankollu, ma jfissirx li dan id-diskors jista' jitqies li jaghti xi mandat awtomatiku lill-avukat u l-prokuratur legali msemmi li jaqbdu u jagixxu f'isem Fenech minghajr ma jkollhom il-kunsens u l-istruzzjonijiet taghha ghal dan il-ghan. Dan jinghad b'mod emfatiku fid-dawl tal-fatt li ghalkemm huwa minnu li t-taxxa mertu tal-kaz in ezami tinhadem skont tariffa stabbilita mill-ligi, id-drittijiet tal-avukat u l-prokuratur legali nvolut ivarjaw skont il-valur tal-kaz li jigi dikjarat. Dan id-dettall krucjali ghal fini ta' kalkolu ta' taxxa ma jirrizulta minn imkien mill-provi li gie komunikat lir-rikorrenti. Anzi, r-rikorrenti tixhed **<u>bil-gurament</u>** li hadd minn dawn iz-zewg intimati ma taha xi hjiel ta' nformazzjoni dwar dan il-valur, la staqsewha dwaru u lanqas giet mitluba tindika x'inhu l-valur tal-assi li kellhom hi u zewgha. Dan apparti li lanqas ir-ragel taghha u l-avukat tieghu ma gew avvicinati dwar dan miz-zewg intimati jew min minnhom. Jirrizulta wkoll mill-inkartament tal-proceduri ta' separazzjoni esebiti li ma kienu ghadhom tressqu ebda provi dwar l-assi tal-komunjoni li jixhtu xi dawl dwar il-valur taghhom. **<u>Fatti dawn li b'ebda mod ma gew kontradetti mill-avukat Vella u l-PL Aquilina</u>**. Dan kollu jwassal lill-Qorti ghall-konvinciment li l-avukat Vella u l-PL Aquilina ma kienux awtorizzati mir-rikorrenti Fenech biex jagixxu f'isimha u jitolbu taxxa rinunzja patrocinju fuq valur ta' kawza ta' €400,000. **Isegwi li t-talba ghat-taxxa *de quo* saret miz-zewg intimati msemmija f'isimhom personali u a bazi ta' valur unilateralment dikjarat minnhom minn jeddhom u ad insaputa tar-rikorrenti.**

Dan il-konvinciment huwa ulterjorment msahhah b'dak li jirrizulta min-Nota nnifisha li pprezentaw l-istess zewg intimati fil-proceduri ta' separazzjoni dwar il-valur tal-assi tal-kawza fejn l-ewwel kien inkiteb isem Josette Fenech izda wara gie ngassat u tnizzel isimhom personali. Jigi osservat ukoll ghal kull buon fini li din in-Nota kienet giet prezentata fis-6 ta' Jannar 2016, fil-mori bejn is-seduta tas-26 ta' Novembru 2015 u dik tas-17 ta' Marzu 2016 minghajr lanqas biss giet notifikata lill-partijiet fil-kawza, b'dana ghalhekk li l-gharfien tal-partijiet dwarha huwa ferm improbabbli.

**Inoltre t-taxxa tat-13 ta' Jannar 2016 ukoll tindika car li din inharget fuq talba tal-Avukat Dorianne Vella personalment.**

Fic-cirkustanzi, il-Qorti ma tistax taccetta t-tezi li t-taxxa in kwistjoni ntalbet f'isem Josette Fenech u konsegwentement il-pretensjoni tal-avukat Vella u l-PL Aquilina li t-terminu ta' xahar ghandu jitqies li beda jiddekorri minn dakinhar tal-hrug tat-taxxa in kwistjoni ma tregix.

Ghaldaqstant il-konkluzjoni hi li t-taxxa *de quo* ntalbet mill- avukat Vella u l-PL Aquilina f'isimhom personalment, u r-rikorrenti Josette Fenech ghandha titqies bhala debitrici ghall-finijiet tal-artikolu 64(1) tal-Kap 12.

Stabbilit dan, il-Qorti tirrigetta l-argumenti l-ohra mressqa mill-intimati Dr. Vella u PL Aquilina fir-rigward tat-trapass taz-zmien ghall-azzjoni tar-rikorrenti. Il-ligi hija cara daqs il-kristall: fil-konfront tad-debitur, it-terminu ta' xahar ghal kawza ta' ritassa jibda jghaddi minn dakinhar tan-notifika tat-taxxa lill-istess debitur **b'att gudizzjarju** u b'ebda mod iehor. Isegwi ghalhekk li anke jekk informalment ir-rikorrenti saret taf bil-hrug tat-taxxa sa minn qabel ma giet notifikata bl-ittra ufficjali f'April 2016, kif tant issostnu l-intimati, dan m'huwiex sufficjenti f'ghajnejn il-ligi biex jiskatta t-trapass tat-terminu

perentorju tax-xahar. Ghall-istess raguni, l-argument sollevat mid-difensur ta' dawn iz-zewg intimati waqt it-trattazzjoni orali, li t-terminu ghandu almenu jibda jiddekorri mid-data li fiha r-rikorrenti rceviet l-ittra legali u t-taxxa bil-posta registrata huwa nfondat fil-fatt u fid-dritt.

Maghmula dawn l-osservazzjonijiet, il-Qorti tqis li huwa nkontestat mill-provi li **l-ewwel att gudizzjarju** li nhareg mill-avukat Vella u l-prokuratur legali Aquilina fil-konfront tar-rikorrenti fir-rigward tat-taxxa mertu ta' dawn il-proceduri kien dak tat-22 ta' Marzu 2016, u dan irrispettivament mill-argument taz-zewg intimati li fil-fehma taghhom din l-ittra ufficjali ntbaghtet biss sabiex tirrendi t-taxxa ezekuttiva. La ma ntbaghtet ebda ittra ufficjali ohra qabel dik, hija l-ittra tat-22 ta' Marzu li ghandha titqies bhala dik li minn notifika taghha ghandu jibda ghaddej it-terminu biex tigi attakkata t-taxxa ghal finijiet u effetti kollha tal-ligi. Gie pruvat li l-ittra ufficjali msemmija giet notifikata lir-rikorrenti fl-1 t'April 2016. Isegwi li la l-kawza odjerna giet intavolata fit-28 t'April 2016, il-proceduri saru entro t-terminu ta' xahar u ghalhekk l-eccezzjoni preliminari tal-intimati msemmija m'hijiex gustifikata.

In fine, u a skans ta' kull ekwivoku, il-kwistjoni dwar jekk il-valur dikjarat ta' €400,000 - u li a bazi tieghu inhadmu d-drittijiet tal-avukat u l-PL ghar-rinunzja patrocinju – huwiex wiehed gust jew le hija materja li ghandha tigi trattata fil-provi fil-mertu.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti tichad l-eccezzjoni preliminari tal-intimati avukat Dorianne Vella u l-prokuratur legali Nicolette Aquilina u tordna l-prosegwiment tal-kawza.**

**L-ispejjez konnessi ma' din l-istanza ghandhom ikunu a karigu ta' dawn iz-zewg intimati solidalment bejniethom.**

**Onor. Dr. Miriam Hayman LL.D.**
**Imhallef**

**Nadia Ciappara**
**Deputat Registratur**